**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Marzu 2025**

**Rikors guramentat nru : 129-2024 AGV**

**DS**

**-vs-**

1. **Dr Christopher Chircop u PL Hilda Ellul Mercer , Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-mejjet pb u permezz ta' digriet datat 8 ta' Lulju 2024 , inhatar Dr. Mark**

**Mifsud Cutajar minflok Dr Christopher Chircop**

**2. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' DS datat 20 ta' Gunju 2024 ;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma s-segwenti fatti:

1. Illi nhar il-15 ta' Diċembru 1992 id-defunta C S weldet lill-attrici D S , liema giet irregistrata bhala bint minn missier mhux uffiċjalment magħruf, kif hekk indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn unit u mmarkat "**Dok. A**";

2. Illi madankollu DS ilha ħajjitha kollha taf, li bħala stat ta' fatt, missierha kien PB , li miegħu ommha C kellha relazzjoni intima kif anke jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat "**Dok. B**" li d-defunta C S ghamlet ftit qabel giet nieqsa fil-31 ta' Mejju 2024 kif jirrizulta minn "**Dok C**", u dan kif ankè bosta drabi rikonoxxut minnu tul ħajtu kif ser jiġi debitament ippruvat;

3. Illi sfortunatament P B tilef ħajtu ħesrem nhar il-Ġimgħa 12 ta' April 2024 fl-età relattivament żgħirha ta' tmienja u erbgħin (48) sena u f'ċirkostanzi li waslu ghal dikjarazzjoni ta' '*sudden death*' tant li infethet inkjesta "*in genere*" u anke saret awtopsja skont il-liġi;

**4.** Illi għalhekk, safejn taf l-esponent, illum il-ġurnata jeżistu kampjuni tad-demm u/jew tat-tessut tal-mejjet PB li ttiehdu mill-esperti mahtura fl-atti tal-inkjesta, mil-liema esperti ta' din l-Onorabbli Qorti eventwalment ikunu jistgħu jestrapolaw *DNA profile* bil-għan li jiġi vverifikat dak li qiegħda ssostni l-esponenti u ċioè li PB huwa tassew il-missier bijoloġiku ta' DS ;

**5.** Illi dan qed jingħad il-għaliex safejn taf l-esponenti, il-mejjet ma kellu ebda ulied oħra ħlief lil DS u b'hekk ma jkunux jistgħu isiru testijiet ġenetiċi billi jiġi kkumparat u analizzat id-DNA ta' ulied oħra tal-mejjet ma' dak tal-esponenti;

**6.** Illi l-esponenti għandha kull interess li jiġi uffiċjalment verifikat u pubblikament rikonoxxut illi l-mejjet PB huwa missier l-attrici D S u għaldaqstant hija qiegħda tadixxu l-dina l-Onorabbli Qorti għall-provvedimenti meħtieġa skont il-liġi;

**JGĦIDU GĦALHEKK** il-konvenuti għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi, okkorendo bil-ħatra ta' perit nominandi, illi l-mejjet PB li kellu karta tal-identita' numru 344875M u li kien iben CB u G nee' M , imwieled tal-Pietà nhar id-29 ta' Ġunju 1975 huwa missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti DS

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti DS billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri, jigu kkancellati l-kliem "missier mhux maghruf" u jigu sostitwiti b'isem u

kunjom P B  u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missieru, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna li minkejja dan ir-rikonoxximent, ir-rikorrenti DS  tibqa' maghrufa bil-kunjom "S ";

4. Tordna jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid tar-rikorrenti DS

5. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet;

**Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni.**

**Rat ir- RISPOSTA ĠURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

*Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:*

1. Illi preliminarjament jingħad li peress li omm l-attriċi, ossia ‘ CS  hija mejta, l-eredi tagħha għandhom jiġu kjamati fil-kawża u dan sabiex il-ġudizzju jkun integru;

2. Illi fil-mertu jiġi rilevat li l-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhuwiex edott mill-fatti;

3. Illi minn dak li jirriżulta *ictu ocoli* mill-Att tat-Twelid bin-numru 158/1993, l-attriċi twieldet ġewwa Malta nhar il-15 ta’ Diċembru 1992 lil ‘ CS  u ‘*Unknown Father’* u dan kif iddikjarat mill-istess omm fl-Att tat-Twelid innifsu (anness bħala Dok. A mar-rikors promotur);

4. Illi jidher illi l-attriċi qiegħda tisħaq li l-konvenut ‘ PB huwa l-missier naturali tagħha u tippreżenta affidavit ta’ ‘ CS  ‘ , ossia omm l-attriċi, sabiex tissostanzja din il-fehma;

5. Illi ‘ CS mietet fil-31 ta’ Mejju 2024 skont l-Att tal-Mewt b’numru 2059/2024 filwaqt li ‘ PB  miet fit-12 t’April 2024 skont l-Att tal-Mewt b’numru 1462/2024;

6. Illi speċifikament rigward it-talbiet tal-attriċi l-esponent jirrimetti ruħu salv dak li ġej:

7. Illi speċifikament dwar l-ewwel talba, din għandha tintlaqa’ kemm il-darba l-Qorti tkun sodisfatta li l-mejjet ‘PB’  huwa verament il-missier naturali u bijoloġiku tal-attriċi;

8. Illi kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti sejra tilqa' t-tieni talba, l-partijiet, jew min minnhom għandhom jippreżentaw nota fl-atti ta' din il-kawża bid-dettalji tal-allegat missier fil-mument tat-twelid tal-attriċi. Senjament id-dettalji li jridu jiġu inklużi huma s-segwenti: (1) ismu u kunjomu; (2) n-numru tad-dokument tal-identita' tiegħu; (3) il-professjoni, sengħa jew stat ieħor tiegħu fil-mument tat-twelid tal-attriċi; (4) l-eta' tiegħu fil-mument tat-twelid tal-attriċi; (5) l-lok tat-twelid tiegħu; (6) l-lok tar-residenza tiegħu meta twieldet l-attriċi; (7) isem u kunjom missieru (nannu patern tal-attriċi) u (8) jekk dan kienx ħaj jew mejjet meta twieldet l-attriċi;

9. Illi speċifikament dwar ir-raba' u l-ħames talbiet, sabiex l-esponent jkun jista' jikkoreġi Atti ta' Stat Ċivili oltre l-Att tat-Twelid tal-attriċi jkun jeħtieġ illi dawn jiġu speċifikati bin-numru progressiv u s-sena relattiva tagħhom;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u **<u>għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>**;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qeghda tiġi nġunta in subizzjoni.**

**Rat ir-risposta ta’ Dr Mark Mifsud Cutajar u PL Hilda Ellul Mercer datata 10 ta’ Lulju 2024 ;**

1. Li l-esponenti m; humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.
2. Salv risposta ulterjuri .

Rat li l-attrici biddlet it-tielet talba taghha, u ghazlet illi l-kunjom taghha jinbidel ghal SB ;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara illi PB huwa l-missier naturali taghha, u li ghalhekk ic-certifikat tat-twelid taghha jiġi korrett u jiżdiedu l-isem tieghu u d-dettalji personali kollha tieghu. L-imsemmi PB kien gie nieqes fit-12 ta’ April, 2024, xaharejn biss qabel ma l-attrici fethet dawn il-proceduri. Peress illi kienet infethet inkjesta magisterjali dwar il-mewt ta’ B, l-attrici kellha titlob lill-Qorti tawtorizza l-elevazzjoni ta’ kampjun tad-DNA minn fuq il-katavru ta’ B .

It-testijiet saru wara digriet ta' din il-Qorti datat 6 ta' Novembru, 2024, u r-risultat tal-istess testijiet gew prodotti fl-atti tal-kawza fil-11 ta' Frar 2025. Mill-istess jirrizulta li PB huwa fil-fatt il-missier bioloġiku tal-attrici, u ghalhekk it-talbiet ghandhom jintlaqghu. Il-Qorti sejra taghti terminu ta' tletin (30) jum li fih l-attrici ghandha tindika d-dettalji korretti ta' B biex dawn jiżdiedu fic-certifikat tat-twelid taghha hekk kif indikat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-mejjet PB li kellu karta tal-identita' numru 344875M u li kien iben CB u G nee' M imwieled tal-Pietà nhar id-29 ta' Ġunju 1975 huwa missier naturali u bijologiku tar-rikorrenti DS

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti DS billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri, jigu kkancellati l-kliem "missier mhux maghruf" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom P B u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missieru, jigu korretti kontestwalment billi

jigu sostitwiti b’dawk il-partikolarijiet li ghandhom jigu presentati f’dawn l-atti sa tletin (30) jum mis-sentenza;

3. Tordna li r-rikorrenti DS tigi maghrufa bil-kunjom “ SB

4. Tordna jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f’kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid tar-rikorrenti DS ;

5. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet;

Peress illi l-kawza saret kontra kuraturi u kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-ispejjez ghandhom jiġu sopportati mill-attrici.

**Anthony J Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**